MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 1665/2001/1

**Johanna De Gaetano mitwielda Ganado, mart Edward De Gaetano, f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minorenni Ann u Sandra ahwa De Gaetano u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2002 giet michuda t-talba biex l-attrici tagixxi bhala kuratrici ad litem u minflokha b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2002 gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u l-PL Luisa Tufigno biex jirraprezentaw lill-minuri**

**v.**

**Edward De Gaetano**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat l-attrici li permezz taghha ppremettiet:

“Peress illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ April 1985 (Dokument “A”) u ghandhom zewgt ibniet minorenni: Ann li twieldet fis-17 ta’ Gunju 1988 (Dokument “B”) u Sandra li twieldet fit-8 ta’ Jannar 1991, (Dokument “C”);

“U peress illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment kif ukoll ghaliex il-konvenut irrenda lilu nnifsu hati ta’ mohqrija, eccessi, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-attrici;

“U peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali b’Digriet Numru 1197/2001 emess mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Awissu, 2001 (Dokument “D”);

“U peress illi bhala konsegwenza tal-htijiet mill-konvenut kommessi huwa ghandu jinkorri d-dekadenzi komminati fl-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;

“U peress illi l-attrici gabet fiz-zwieg diversi oggetti u proprjeta` parafernali taghha li gew, fil-kors taz-zwieg, fil-kontroll tal-konvenut;

“U peress illi l-attrici wkoll irceviet, fil-kors taz-zwieg, diversi donazzjonijiet li kollha marru ghab-beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

“U peress illi, bhala rizultat tas-separazzjoni mitluba, hemm il-htiega li tigi dikjarata xolta l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti u jigu, mill-istess komunjoni, prelevati dawk il-beni, jew il-valur taghhom, lill-attrici spettanti bhala parafernali jew bhala kreditrici fil-konfront tal-istess komunjoni tal-akkwisti;

“U peress illi l-attrici qeghda tabita flimkien mal-imsemmija uliedha minuri Ann u Sandra De Gaetano fid-dar matrimonjali “Villa Belvedere”, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija minn liema l-konvenut recentement allontana lilu nnifsu;

“Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tippronuncja u taghti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li l-hajja taghhom flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment kif ukoll minhabba li l-konvenut irrenda lilu nnifsu hati ta’ mohqrija, eccessi, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-attrici;

“2. Takkorda u tavda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija tfal minorenni Ann u Sandra De Gaetano lill-attrici;

“3. Tikkundannah ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija tfal minorenni Ann u Sandra De Gaetano retta alimentarja li joghgobha tiffissa f’ammont kongruwu;

“4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut sofra dawk id-dekadenzi komminati fl-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili minhabba l-htijiet premessi;

“5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tenut kont tad-dekadenzi imsemmija fit-talba precedenti;

“6. Tillikwida l-prelevamenti dovuti lill-attrici bhala konsistenti f’donazzjonijiet u rikavat mill-bejgh ta’ oggetti parafernali lilha appertenenti versati fil-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

“7. Tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet wara li tassenja lill-attrici dak lilha spettanti fid-dawl tal-prelevamenti spettanti lilha kif mitlub fit-talba precedenti;

“8. Minghajr hsara ghall-imsemmija ghad-dekadenzi komminati u prelevamenti spettanti lill-attrici kif mitlub fit-talbiet precedenti, taqsam l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti jew ir-rimanenza taghha bejn il-partijiet u tassenja l-istess kif din il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz;

“9. Tikkundannah jikkonsenja lill-attrici, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-oggetti mobbli kollha parafernali taghha u, fin-nuqqas, tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ perit jew periti nominandi;

“10. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv minn Nutar li tinnomina din il-Qorti f’data, lok u hin li tiffissa din il-Qorti ghal dan l-iskop u tappunta kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq dan l-att u;

“11. Tawtorizza lill-attrici tibqa’ tabita ma’ l-imsemmija tfal minorenni taghha Ann u Sandra De Gaetano fid-dar “Villa Belvedere”, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija ghad-eskluzjoni tieghu.

“Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi ghal-proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili (Digriet Numru 1197/2001 u Rikors Numru 1527/2001) kontra l-konvenut ingunt minn issa sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament, l-eccipjent, fl-interess tal-minorenni jopponi ruhu ghat-talba tal-attrici li, b’rikors tat-18 ta’ Ottubru 2001, talbet li tigi nominata kuratrici *ad litem* tal-minorenni, mhabba konflitt ta’ interessi bejn il-minorenni u l-attrici, stante li l-attrici ssofri b’*depressions* ripetuti u nkontrollabbli li jixfexxu f’atti ta’ swat, vjolenza u mohqrija fil-konfront tal-minorenni u l-eccipjent: ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 139, tal-Kodici Civili.

“2. Illi biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tal-minorenni l-“White Paper” dwar il-*Family Court* tipprovdi li lill-minorenni jinghata awtomatikament id-dritt ghall-rapprezentanza legali.

“3. Illi, fil-mertu, l-ewwel talba tal-attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda stante li kienet l-attrici stess li rrendiet ruhha kolpevoli versu l-eccipjent ta’ swat,

sevizzi, eccessi, ingurji gravi, abbandun ghal fuq sentejn tad-dar matrimonjali, u ta’ atti gravi ta’ vjolenza fil-konfront tal-minorenni: tant li fit-28 ta’ Settembru 2001, qabel ma giet presentata c-citazzjoni odjerna, l-eccipjent ippresenta Citazzjoni (Nru: 1578/01 M.I. N.A. FC.) kontra l-attrici biex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali mhabba l-htija tal-attrici, u biex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minorenni, stante li l-attrici ssofri b’mar mentali, manifestat wara z-zwieg u, ad insaputa tal-eccipjent, kien jezisti ghall-bosta snin qabel iz-zwieg.

“4. Illi, t-tieni talba tal-attrici biex tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minorenni ghandha tigi michuda billi l-attrici, mhabba l-problemi f’sahhitha, mhijiex kapaci u idonea biex tassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg billi, skond it-tobba, l-attrici tibqa soggetta ghal fazijiet ta’ *breakdowns* li f’mumenti f’waqthom tintilef minn sensieha u tinfexx f’atti ta’ vjolenza u swat fil-konfront tal-minorenni u l-eccipjent. Fil-fatt f’zewg okkazjonijiet l-attrici rceviet ammonizzjoni mill-pulizija tad-distrett (Dok “1” u “2”).

“5. Illi t-tielet talba tal-attrici ghall-hlas tal-alimenti ghaliha ukoll, jisthoqilha li tigi michuda, billi abbandunat id-dar matrimonjali ghal fuq minn sentejn. Inoltre ghandha introjtu personali ta’ ’l fuq minn ghaxar telef liri Maltin (Lm10,000.00) fis-sena, (Dok. “4”) u tiftahar li missierha kien sinjurun u tghajjar lill-eccipjent, quddiem it-tfal, is-sefturi u l-hbieb talli izzewwigha ghal-flusha u kemm hu kif ukoll il-familja tieghu kienu bla sold u bil-guh.

“6. Illi rigward ir-raba’ talba l-eccipjent isostni li, ghar-ragunijiet premessi, id-dekadenzi mitlubha mill-attrici ghandhom jigu applikati, mhux fil-konfront tal-eccipjent izda fil-konfront taghha stess.

“7. Illi l-eccipjent, dwar it-talbiet 5 sa 8, jeccepixxi li hu stess nsista ma’ missier l-attrici li ma jicedix ghall-pressjoni taghha biex jibnilha villa, u li f’kwalunkwe kaz, u li biex jigu evitati fil-futur, insista wkoll li tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti, izda bhas-soltu l-missier, mbezza mill-konsegwenzi fuq is-sahha tal-attrici, ceda ghall-kollox u taha dak kollu li riedet. Ghalhekk l-eccipjent jaqbel li tigi

terminata l-komunjoni tal-akkwisti, u li jigu likwidati, divizi u assenjati l-assi tal-komunjoni skond kif, u taht kwalunkwe provvediment li l-Qorti jidhrilha xieraq f'dan ir-rigward.

"8. Illi dwar id-9 talba l-eccipjent jissottometti li l-attrici hadet il-parti l-kbira tal-mobbli taghha u zammet ghaliha oggetti appartenenti lill-komunjoni.

"9. Illi l-eccipjent, b'referenza ghal-ahhar talba, jeccepixxi li l-attrici kellha l-abitudini li, minghajr ma tinforma lill-hadd, titlaq bit-tfal minn dar ghal dar, tant li t-tifla l-kbira lmentat *"we feel like wandering jews"*. Ghalhekk fl-interess tal-minorenni, l-eccipjent jissottometti li ghandhom jirritornaw fl-appartament tieghu li, ghal hafna snin, serva bhala d-dar matrimonjali.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Jannar 2012.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni:

"Illi l-Qorti taghmel referenza u taddotta bis-shih il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 1578/01.

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

"[1] tastjeni milli tippronunzja s-sepazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori tal-kawza;

"[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

"[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, in kwantu z-zwieg illum huwa Eullat, u t-tfal huma maggjorenni;

"[4] tilqa' ir-raba' talba;

“[5] tilqa’ it-talbiet numri, hamsa, sitta, seba’ u tmienja kif stabbilit fis-sentenza fuq citata;

“[6] tilqa’ t-talba numru disa’ fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Mobbli – Komunjoni – Parafernali” skond is-sentenza precitata;

“[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ talba, stante li hija superfluwa, u tordna li din it-talba ma tigix ntaxxata;

“[8] tilqa’ t-talba numru hdax limitatament ghall-attrici, u tordna li l-imsemmi fond ma jibqax jitqies bhala l-fond matrimonjali tal-partijiet, izda fond appartenenti lill-istess attrici;
“L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tilqa’ l-aggravji tieghu u tichad ir-raba’ talba u tirriforma l-hames, sitt, seba’, tmien u disa’ talbiet kif mitlub fir-rikors innifsu u takkolla l-ispejjez kollha lill-attrici appellata.

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici li permezz tieghu talbet il-bdil tas-sentenza billi:

“... ... ... (i) in kwantu l-ewwel Qorti ma applikatx fil-konfront tal-appellant id-dekadenzi kontemplati fl-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili minhabba il-htijiet tieghu kif mitlub fir-raba’, hames u t-tmien talbiet attrici u ghaddiet biex tikkundanna lill-appellata thallas lill-appellant is-somma ta’ €233,000 bhala sehemu minn dik li kienet id-dar matrimonjali tal-kontendenti, din il-Qorti tapplika l-imsemmija dekadenzi fil-konfront tal-appellant biex b’hekk l-appellata tigi li ma thallas xejn ghall-assenjazzjoni lilha ta’ l-istess proprjeta`; (ii) flok l-appellant ihallas lill-appellata nofs il-valur milhuq mill-ewwel Qorti tal-oggetti elenkati fid-Dok JDG1 (hlief l-oggett numru 1 fl-istess lista), bl-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-konsegwenzi ghal minn mill-mizzewgin jahti ghall-firda taht l-Artikolu 48 (1)(c) tal-Kodici Civili, l-appellant jigi kkundannat ihallas lill-appellata l-imsemmi valur kollu ghall-istess oggetti; (iii)

thassar u tirrevoka l-astenzjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' l-ghaxar talba attrici u (iv) tikkonferma l-istess Sentenza appellata ghall-bqija taghha;

"Bl-ispejjez ghall-appellant."

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUT**

Illi **l-ewwel aggravju** tal-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li huwa kien il-kagun ghat-tifrik taz-zwieg; dan huwa l-istess aggravju li huwa ressaq fil-kawza fl-ismijiet inversi u li qed tigi deciza llum stess. Ghalhekk il-Qorti naturalment qed tasal ghal istess konkluzjoni u kwindi taghmel riferenza diretta ghal dak deciz f'dik il-kawza u qed tirriproduci parti minn dik is-sentenza.

F'dan ir-rigward l-appellant ma ghandux ragun. Jekk wiehed jezamina s-sentenza appellata jara li fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti li wasslitha ghal din il-konkluzjoni (pagna 8 u 9 tas-sentenza) kwazi mkien ma tissemma s-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku, u l-Qorti strahet esklussivament fuq il-provi li semghet; l-unika eccezzjoni hija fir-rigward tar-rapport tal-Psikoterapista Dottor Joan Camilleri li kienet giet inkarigata '*ex parte'* quddiem dak it-tribunal. Il-Qorti pero` ma strahitx fuq dak ir-rapport izda kkummentat fuq il-komportament tal-appellant u dan skont il-provi li tressqu quddiemha; infatti qalet fost affarijiet ohra illi hija '*taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta stante li din hija konfermata mill-preponderanza tal-provi'.*

Punt li tratta l-abbli difensur tal-appellant f'dan ir-rigward huwa li ladarba z-zwieg gie dikjarat null, il-Qorti ma kellhiex tinvestiga u tiddeciedi dwar min kien jahti ghat-tifrik taz-zwieg.

Madanakollu l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 jghid hekk:

*"**20**. (1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide."*

Ma hemm ebda kwistjoni li l-partijiet kienu *in bona fede* u kwindi dan l-artiklu japplika; ghandu ghalhekk anke japplika ghal konsegwenzi kollha relattivi (ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb v. Bezzina** deciza fid-29 ta' Mejju 1998).

**It-tieni aggravju w**koll huwa wiehed li l-appellant ressaq fil-kawza l-ohra u cioe` fejn ilmenta mill-fatt li huwa gie kundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza. Il-Qorti wkoll allura se tghid dak li qalet fis-sentenza li qed tinghata fuq l-istess kawza u cioe` illi:

"(Dan l-aggravju ) jirrigwardja l-kundanna tal-attur li jhallas l-ispejjes tal-kawza, ghaliex huwa jghid li ladarba z-zwieg gie annullat il-mori tal-proceduri, l-ispejjes kien messhom inqasmu indaqs bejn il-partijiet ghaliex dejjem skond hu, hekk dejjem isir. L-appellant pero ma issustanzjax dan l-argument billi iccita xi sentenzi li jabbraccjaw din il-konkluzjoni."

Fil-verita` l-unika gwida li taghti l-ligi fir-rigward dwar il-kap tal-ispejjez, huwa l-Artikolu 223 (1) tal-Kodici tal-Procedura Civili illi jghid illi:

*"Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż."*

Din ir-regola ghandha tigi modifikata biss kif jghid is-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu u cioe` illi:
*"Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba."*

Ghalhekk il-Qorti normalment ghandha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont kif tat ragun jew tort lill-partijiet fid-decizjoni taghha dwar il-mertu. F'dan il-kaz, billi l-Qorti tat tort lill-appellant fil-kwistjoni principali kien ukoll ragunat li kellu jbati l-ispejjez tal-kawza.

Hawnhekk ghandu jinghad illi fir-risposta tal-konvenuta appellata, dawn l-aggravji gew spezzettati u maqsuma f'sitt aggravji minflok tnejn kif qed tezaminahom din il-Qorti.

**It-tielet aggravju** huwa li l-Qorti kienet zbaljata meta applikat fil-konfront tal-appellant l-estremi tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu 48 jghid hekk:

**"48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*"(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*"(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*"(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

L-Artikolu **51** imbaghad jghid illi:

*"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin*

*fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artiklu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament; l-Artikolu 40 isemmi r-ragunijiet l-ohra li jaghtu lok ghal separazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li lanqas hawnhekk ma ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li evidentement uzat ai termini tal-Artikolu 51 ghaliex ma tara ebda raguni sufficjenti biex taghmel dan, salv dak li se jintqal aktar 'il quddiem.

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Dan l-aggravju jikkonsisti f'diversi lanjanzi. *L-ewwel* ma ssemmi l-appellanti huwa l-valur li ghandu jinghata lid-dar matrimonjali. L-art li fuqha nbniet id-dar kienet giet koncessa in enfitewsi minn missier l-appellata izda evidentement meta tela' l-bini dan sar oltre l-art koncessa. Billi l-valur gie naturalment kontestat saru zewg valutazzjonijiet mill-perit tekniku; wahda ta' miljun, seba' mija u elf, seba' mija, sebgha u sittin Euros (€1,750,767) u ohra ta'zewg miljuni, tliet mija, sitt elef u tmenin Euros (€2,306,080). Naturalment billi din giet assenjata lill-appellata, l-appellat qed jargumenta li ghandu jigi kompensat skont l-akbar ammont ghaliex skont hu dik hija d-dar matrimonjali kif inhi u l-Qorti ma ghandiex tispekula dwar x'jigri jekk tigi intavolata kawza minn missier l-appellata u jigi applikat l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument ghaliex l-istima inkwistjoni (fuq l-izghar ammont) saret skont il-koncessjoni enfitewtika u hija dik l-art formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti; il-parti l-ohra mhijiex parti minn dik il-komunjoni u allura l-appellant ma jista' jaghmel ebda talba fir-rigward taghha.

*It-tieni* ilment tal-attur *prima facie* jidher gustifikat. Huwa jghid li anke jekk wiehed jiehu l-ammont imsemmi li huwa l-inqas wiehed favorevoli ghalih fil-komputazzjoni relattiva ghall ammont dovut lilu skont il-qasam ordnata mill-Qorti, dan ghandu jkun akbar minn mitejn, tlieta u tletin elf Euros

(€233,000) ghaliex il-Qorti jidher li minflok naqqset il-kreditu parafernali tal-attrici mill-ammont totali (ghaliex *si tratta* ta' krediti *vis à vis* il-komunjoni), naqqsitu minn sehemu. Dan jista' jidher evidenti mad-daqqa t'ghajn – pero` l-ewwel nett meta l-appellant hadem l-ammont suppost dovut lilu ma naqqasx ukoll is-somma ta' tnejn u sittin elf, u sebghin Euros (€62,070) li gew donati lill-konvenuta mill-genituri taghha biex tixtri l-mobbli tad-dar fl-2002. Ghalhekk l-ammont dovut lill-appellanti kieku kellu jkun ta' hames mija, disgha u sebghin elf, tmien mija, sebgha u ghoxrin Euros (€579,827).

<u>Madankollu</u> meta wiehed jezamina s-sentenza sewwa jinduna li fil-fatt il-Qorti mhux zball kienet hadet izda kkunsidrat bhala donazzjonijiet esklussivi lill-appellata dawk li l-appellant iqis bhala krediti fil-kumputazzjoni tieghu. Kien ghalhekk li l-Qorti ddecidiet li takkorda s-somma ta' mitejn, tlieta u tletin elf Euros (€233,000) liema somma illikwidat *arbitrio boni viri* u anke hawn din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba la l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li fil-fatt dawk kienu donazzjonijiet maghmula mill-genituri tal-appellata lilha biss u lanqas il-likwidazzjoni li saret mill-istess Qorti bbazata fuq il-figuri li kellha quddiemha. Ghalhekk il-Qorti wara li hasbet fit-tul u ezaminat l-atti tal-kawza wkoll se tirrespingi dan l-aggravju.

Fir-rigward tal-ilmenti l-ohra f'**paragrafu 22** tar-rikors tieghu, din il-Qorti tirrimarka li dawn huma tista' tghid kollha ilmenti fis-sens li l-ewwel Qorti ma emmnitx lilu izda lill-konvenuta rigward il-provenjenza tal-oggetti inkwistjoni, u kif gia` rrimarkat fir-rigward tal-ilment dwar it-tort ghas-separazzjoni, Qorti ta' revizjoni mhux solitu li tirrevedi kwistjonijiet decizi fuq il-bazi tal-kredibilita` jew verosomiljanza tal-provi li l-ewwel Qorti tkun semghet u ezaminat hija stess. Il-Qorti tal-Appell taghmel dan biss f'kazi eccezzjonali li ma tarax li huma applikabbli ghal dan il-kaz. <u>L-unika eccezzjoni</u> f'dan l-ilment tirrigwardja l-oggetti markati 1, 2 u 3 fid-Dokument JDG9 li jidher li huma gia` fil-pussess tal-appellata kif espona l-appellant, tant li l-appellata ma talbitx stima taghhom fil-kors tal-kawza. Fir-rigward tal-aggravji l-ohra indikati f'dan il-

paragrafu ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-appellant ghar-raguni gia` msemmija.

**APPELL INCIDENTALI**

Kif inghad il-konvenuta appellata pproponiet appell incidentali bbazat fuq tliet aggravji.

**L-ewwel aggravju** huwa fis-sens li ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet li tikkomina l-effetti tal-Artikolu 48 fir-rigward tal-konvenut, kien messha wkoll cahditu mill-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin elf Euros (€233,000) li ordnat lill-appellata thallsu a saldu ta' sehemu mill-proprjeta` msemmija bhala ekwiparazzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx ghaliex kif gia` ssemma aktar qabel, ma kienx proprjament l-Artikolu 48 li gie applikat (ma rrizultawx adulterju jew abbandun) izda l-Artikolu 51 u dan l-artiklu ma jindikax li ghandhom jigu bilfors komminati l-effetti kollha tal-Artikolu 48 izda l-Qorti ghandha s-setgha li tapplika anke uhud minnhom. Kif gia` rrimarkat din il-Qorti fir-rigward ta' aggravji tal-appellat, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni li certament ma gietx uzata mill-ewwel Qorti kappriccozament. Oltre dan, ma jistax jigi argumentat li l-proprjeta` inkwistjoni saret bil-hidma tal-appellata wahedha anke jekk kien hemm kontribut sostanzjali da parti tal-genituri taghha.
**It-tieni aggravju** huwa fir-rigward tal-mobbli li taghhom l-appellant gie kkundunnat ihallas nofshom u hawnhekk gie ripetut l-argument li tressaq fir-rigward tal-ewwel aggravju; ghall-istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti ghal dan, il-Qorti qed tichad ukoll dan l-aggravju.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja d-disa' u l-ghaxar talbiet li l-ewwel Qorti iddecidiet li tastjeni dwarhom ghaliex qisithom superfluwi. Il-Qorti taqbel mal-appellata li dan kien '*lapsus calami'* ghaliex effettivament l-ewwel Qorti kienet laqghet id-disa' talba fil-partijiet l-ohra tas-sentenza u hemm bzonn in vista tal-assenjazzjoni tal-fond imsemmi li jsir att pubbliku; ghalhekk dan l-aggravju se jigi akkolt.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi **fir-rigward tal-appell principali** tilqghu limitatament billi filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut appellant gie ordnat jirritorna l-oggetti markati 1, 2 u 3 fid-Dokument JDG9, tichad it-talbiet l-ohra tal-appellant; fir-rigward tal-**appell incidentali** tilqghu limitatament billi tilqa' d-disa' talba attrici fis-sens gia` msemmi fil-kumplament tas-sentenza fil-kawza numru 1578/01, specifikatament dik il-parti intestata "[3] Mobbli – Komunjoni – Parafernali" u tilqa' wkoll l-ghaxar talba billi tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv (li ghandu jigi pubblikat fl-edificcju tal-Qorti fil-jum u hin iffissat mill-Qorti fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-istess Nutar) u lill-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bhala kuratur ghal eventwali kontumacji izda **tikkonferma s-sentenza appellata** fil-partijiet l-ohra kollha taghha. Il-Qorti ghal kull buon fini qed tiddeciedi li f'din is-sentenza odjerna, ir-riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 1578/01 fil-parti dispozittiva taghha jibqghu mhux mittiefsa anke jekk xi partijiet minn dik is-sentenza gew revokati minn din il-Qorti fl-istadju tal-appell (dejjem fejn jirrigwardjaw tali riferenzi).

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti u kull parti ghandha tbati l-ispejjez tal-appell taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------